**Eżami għall-*Warrant* ta' Avukat**

**(Parti bil-miktub)**

**Nhar is-Sibt 27 ta' Frar 2021**

**9.00 *a.m.* sa 12.00 *m.d.***

**(It-tweġibiet għandhom ikunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' persuna bi bżonnijiet speċjali, il-ħin mogħti biex twieġeb kemm għal parti A kif ukoll għal parti B huwa ta' tliet sigħat)**

## Parti A

Wieġeb għal tlieta biss minn dawn li ġejjin:

1. Il-klijent tiegħek huwa sid ta' fond li kien mikri bħala residenza qabel l-1995 u għadu sallum okkupat mill-istess kerrej bħala r-residenza tiegħu. Il-klijent hu tal-fehma li l-kera li qiegħed idaħħal min ndan il-kiri huwa ftit wisq meta mqabbel ma' kemm jista' jġib fis-suq ħieles. Ħejji l-atti meħtieġa biex il-klijent tiegħek jikseb rimedju effettiv.

2. Il-klijenti tiegħek, li huma nanniet, igħidu illi binthom u żewġha qegħdin ifittxu li jaqtgħu kull kuntatt tagħhom (tan-nanniet) man-neputijiet (*grandchildren*). Ħejji l-atti meħtieġa biex il-klijenti tiegħek jingħataw aċċess għan-neputijiet.

3. Il-klijent tiegħek, li għandu erbgħin fil-mija (40%) tal-ishma ta' kumpannija, igħid illi l-azzjonisti l-oħra li għandhom maġġoranza tal-ishma qegħdin imexxu l-kumpannija fl-interess tagħhom u bi ħsara għall-interessi tiegħu bħala azzjonist u għall-interessi tal-kumpannija stess. Ħejji l-atti meħtieġa biex il-klijent tiegħek jikseb rimedju.

4. Il-klijent tiegħek ġie notifikat b'rikors li fih qiegħda tintalab l-esekuzzjoni ta' sentenza mogħtija kontra tiegħu minn qorti fi Franza. Igħid illi qatt ma kien jaf li kien hemm proċeduri pendenti kontra tiegħu fi Franza. Ħejji l-att meħtieġ biex il-klijent tiegħek jikkontesta t-talba magħmula fir-rikors.

5. Ħejji (a) tweġiba għal rikors maħluf li fih qiegħed jintalab illi l-klijent tiegħek bħala werriet jiġi kundannat iħallas legat imħolli lill-attur fit-testment tal-mejjet; u (b) kontro-talba biex l-attur jikkonsenja lill-klijent tiegħek ħwejjeġ tal-wirt li jinsabu f'idejh.

6. Il-klijent tiegħek xahar ilu ippreżenta kwerela kontra terz li allegatament ikkaġunalu ġrieħi iżda l-pulizija sallum baqgħu ma ħadux passi. Ħejji l-att meħtieġ biex il-klijent tiegħek jitlob li jinbdew proċeduri kontra t-terz.

**Parti B**

Wieġeb għal waħda biss minn dawn li ġejjin:

1. (a) X'miżuri għandu jimplimenta avukat biex jara illi s-servizzi tiegħu ma jinqediex bihom min ifittex li jaħsel flus ġejjin minn attivitajiet illeċiti u (b) x'għandu jagħmel avukat meta jintebaħ, wara li jkun beda jassisti klijent, li dak il-klijent qiegħed jinqeda bis-servizzi tiegħu għall-ħasil ta' flus?

2. X'regola għandha tħares ditta ta' avukati li tixtieq tagħti pubbliċità lill-uffiċċju legali tagħha?

3. X'inhuma l-prinċipji li jirregolaw ftehim bejn avukat u klijent (i) illi l-avukat jaqsam mal-klijent dak li jintrebaħ f'kawża u (ii) illi l-avukat jaqsam mal-klijent dak li jinkiseb bis-saħħa ta' transazzjoni?